MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1490/2001/1

**Lorenzo u Maria Dolores mizzewgin Gauci, Vincent u Mary Rose mizzewgin Gauci, Paolo u Giuseppa mizzewgin Gauci, u John u Anna mizzewgin Azzopardi.**

**-vs-**

**Joseph Camilleri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-29 ta’ Awissu 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Li l-atturi huma proprietarji tal-fond 487, Triq il-Kbira, Mosta.

Li l-konvenut huwa proprietarju tal-fond “Tynedale” Triq il-Wej, Mosta, li huwa contiguu ghal-fond tal-atturi, u bejn iz-zewg fondi kien hemm hajt divisorju tas-sejjieh.

Li l-konvenut iddemolixxa l-istess hajt divisorju u rega’ rrikostruwieh b’gholi aktar minn qabel, b’mod li min-naha tal-atturi bil-blokki tal-brieks u b’mod li n-nofs ta’ l-istess hajt ma baqghax fil-lokalita’ li kien qabel. U b’hekk in-nofs ta’ l-istess hajt gie spustat fuq in-naha tal-atturi.

Inoltre li l-konvenut, fuq in-naha tal-atturi wahhal poles biex iservu halli jikkostitwixxu, permezz ta’ xibka, bhala “windbreakers”.

Li dak kollu li ghamel l-attur, kif fuq spjegat, jikkostitwixxi spoll a dannu tal-atturi u tad-drittijiet taghhom.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. jigi dikjarat u deciz li l-konvenut ikkommetta spoll a dannu tal-atturi bix-xoghol minnu esegwit u fuq spjegat;

2. jigi spurgat l-ispoll billi l-konvenut jigi kundannat li jirripristina l-hajt divisorju bejn l-imsemmija zewg fondi bil-mod interament li kien qabel ma saru x-xogholijiet mill-istess konvenut eseguiti, u dana taht is-supervizjoni u kontroll ta’ perit nominandi u fi zmien qasir u perentorju stabilit mill-Qorti u;

3. fil-kaz li l-konvenut jibqa’ inadempienti, li l-atturi jigu awtorizzati li jirripristinaw l-istess hajt divisorju, taht id-direzzjoni u kontroll ta’ l-istess perit nominandi u a spejjes totali tal-konvenut.

Bl-ispejjez, harrek lill-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Vincent Gauci u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-1 ta' Novembru 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxa:

Illi l-azzjoni attrici kif diretta kontra tieghu hija guridikament insostenibbli stante li fil-kaz odjern ma jissussistux l-elementi rikesti mil-Ligi ai termini ta' l-**Artikolu 535** tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' l-ispoll, hekk kif proposta mill-atturi fl-Att ta' Citazzjoni odjern. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti.

Ikkunsidrat;

Illi kif tindika c-citazzjoni din hija kawza ta' spoll u huwa risaput illi r-rekwisiti biex kawza simili tirnexxi huma tlieta u cioe';

**1. Il-pussess;**

**2. L-azzjoni spoljattiva illi tkun jew klandestina jew vjolenti fis-sens li tkun saret kontra l-volonta' tal-attur; u**

**3. Il-kawza trid issir entro' xahrejn minn meta jsir l-ispoll – diversi sentenzi jghidu li dan il-perjodu jibda ghaddej minn meta l-attur ikun sar jaf bl-ispoll.**

Din il-kawza saret peress li l-atturi qed isostnu li huma proprjetarji ta' fond fi Triq il-Kbira, il-Mosta u l-konvenuti ta' fond fi Triq il-Wej, il-Mosta; qed isostnu li l-konvenuti iddemolew hajt divisorju bejn il-proprjetajiet u bnewh iktar gholi u b'mod li n-nofs tal-hajt gie mcaqlaq. Fil-mori tal-kawza l-atturi trasferew il-proprjeta' in kwistjoni u l-konvenuti eccepew illi issa l-atturi ma ghadx ghandhom iktar interess guridiku fit-tkomplija tal-kawza.

Ma hemmx kwistjoni li l-atturi biegh il-fond li kien proprjeta' taghhom wara li giet intavolata l-kawza. Fil-fatt il-kompraturi gew informati bl-ezistenza tal-kawza u fil-kuntratt in kwistjoni il-partijiet iddikjaraw illi;

*Ghall kull effett u buon fini tal-Ligi l-partijiet jiddikjaraw illi jafu li hemm kawza pendenti dwar il-hajt tal-appogg ta' wara li jmiss ma' proprjeta' ta' Joseph Camilleri. Il-partijiet qieghdin presenzjalment jifthiemu illi r-responsabbilita' u l-ispejjes kollha tal-imsemmija kawza ghandha tibqa' a' karigu assolut tal-vendituri in solidum bejnithom. B'hekk l-imsemmja kompraturi ma ghandhom qatt ikollhom x'jaqsmu bhala responsabbilita', spejjes jew multi ma' din il-kawza.*

Minn dan jidher car li l-akkwirenti ma kellhom ebda interess li jakkwistaw id-dritt litigjuz in kwistjoni u kienu kuntenti li jixtru dak li raw. L-atturi da parti taghhom kienu kuntenti li jzommu kull dritt naxxenti minn din il-kawza. Sa hawn ma hemm ebda problema guridika. Madankollu tqum allura l-kwistjoni jekk l-atturi ghadx ghandhom interess guridiku fl-esitu ta' din il-kawza. Ma hemmx dubbju li dan id-dritt kien jezisti meta l-kawza giet intavolata ghaliex l-atturi li ppremettew li huma proprjetarji kellhom interess fil-hajt divisorju anke jekk l-

azzjoni proposta kienet wahda possessorja. Wiehed jifhem pero' li l-atturi kienu wkoll jipposjedu l-proprjeta' ukoll. Is-sitwazzjoni issa hija differenti ghaliex certament ma ghadhomx proprjetarji u ma hemm xejn x'jindika li zammew il-pussess. Allura wiehed gustament jistaqsi *x'se jakkwistaw l-atturi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet taghhom?*

F'kawza ta' spoll il-Qorti, jekk tilqa' t-talbiet attrici, tordna r-ripristinar tal-pussess. Issa jekk f'din il-kawza taccedi ghat-talbiet tal-atturi, dan ma jistax isir ghaliex il-pussess tal-oggett in toto ma ghadux f'idejn l-atturi. Akkoljiment tat-talba attrici fil-prattika ma tfisser xejn ghall-atturi f'utilita' reali. Ghalhekk l-*utilita' finale* illi jsemmi Mortara tonqos. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza <u>Manche vs Montebello</u> (13 ta' Frar 1953);

*Skond id-duttrina u l-gurisprudenza biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess legali biex jipproponi azzjoni huwa bizzejjed li l-kawza tkun tista' tipproducilu rizultat utili jew vantaggjuz.*

Il-Qorti ma tista' tara ebda rizultat tali jekk it-talba attrici tigi akkolta. Madankollu l-Qorti fir-rigward tal-kap tal-ispejjes ma thossx li ghandha takkollahom kollha lill-atturi ghaliex kif gia' inghad meta giet istitwita l-kawza s-sitwazzjoni ma kienitx dik li hemm illum…

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju izda tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------